EUROPEAN PARLIAMENT

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT TAL-POLITIKA B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

L-IŻVILUPP REĠJONALI

# SEHEM L-AWTORITAJIET LOKALI BIEX JINGĦELBU D-DIFFERENZI SOĊJALI

STUDJU

Dan l-istudju ntalab mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Parlament Ewropew.


**AWTURI**

| | |
|---|---|
| Peter Schneidewind | Metis GmbH |
| Hannes Wimmer | Metis GmbH |
| Tony Kinsella | Espert imqabbad minn Metis GmbH |
| Szabolcs Klubuk | Metis GmbH |
| Christoph Gollner | Assistent riċerkatur ta' Metis GmbH |

**AMMINISTRATUR RESPONSABBLI**

Ivana KATSAROVA

Dipartiment tal-Politika għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni

Parlament Ewropew

B-1047 Brussell

E-mail : poldep-cohesion@europarl.europa.eu



**VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI**

Oriġinal: EN

Traduzzjoni: DE, FR

**DWAR L-EDITUR**

Biex tikkuntattja d-Dipartiment tal-Politika jew biex tabbona fin-newsletter tiegħu li toħroġ kull xahar, jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Mejju 2009


Brussell, © Parlament Ewropew, 2009


Dan l-istudju jinstab fl-Internet fl-indirizz: www.europarl.europa.eu/studies



**KLAWSOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABILITÀ (*DISCLAIMER*)**

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità unika tal-awtur u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, sakemm is-sors ikun rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u tintbagħatlu kopja.

EUROPEAN PARLIAMENT

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT TAL-POLITIKA B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

L-IŻVILUPP REĠJONALI

# SEHEM L-AWTORITAJIET LOKALI BIEX JINGĦELBU D-DIFFERENZI SOĊJALI

## STUDJU


**Astratt**

Dan l-istudju joffri analiżi kritika tal-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali, tal-istrumenti tagħhom u ta' sehemhom biex jingħelbu d-differenzi soċjali. Jagħti deskrizzjoni ġenerali tal-varjetà fl-istrutturi tal-awtoritajiet lokali fl-UE kollha kif ukoll ħarsa mill-qrib lejn kif dawn l-awtoritajiet jindirizzaw l-isfidi speċifiċi għal din il-linja politika. Din ir-riċerka hija msaħħa bi studju ta' każijiet minn 13-il awtorità lokali differenti, bl-isfidi, bil-prijoritajiet, bl-istrateġiji u bil-ħtiġijiet tagħhom. Dan id-dokument ifittex li jidentifika l-elementi komuni li jwasslu biex dawn l-istrateġiji jirnexxu jew ma jirnexxux, u jissuġġerixxi ħjiel ta' soluzzjonijiet.



PE 419.103

May 2009

MT

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-qsim tar-responsabilitajiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ilu s-suġġett ta' diskussjonijiet u riċerka estensivi, mhux l-inqas fit-tħejjijiet għat-Trattat ta' Liżbona. Filwaqt li hija ħaġa ċerta li dan id-dibattitu se jibqa' għaddej, b'mumenti intensivi u oħrajn kwieti minn żmien għal żmien, qiegħda tingħata ħafna anqas konsiderazzjoni lill-interazzjonijiet kumplessi u differenti bejn l-UE, is-27 Stat Membru tagħha u l-għadd bla tarf ta' Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tagħhom.

Dan l-istudju jfittex li jagħti lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Parlament Ewropew b'dik li tista' biss tkun ħarsa ġenerali illustrata tal-istatus, tal-kompetenzi u tal-istrutturi tal-awtoritajiet lokali fis-27 Stat Membru. Wara, dan l-istudju jkompli jiżviluppa analiżi kritika tas-sehem tal-politiki tal-istrateġiji u tal-azzjonijiet tal-awtoritajiet lokali għal dawk li huma differenzi soċjali. Din l-analiżi toħroġ mir-riċerka u titlaħħam bis-saħħa ta' seba' studji ta' każijiet dwar is-sitwazzjonijiet u l-azzjonijiet lokali fi Stati Membri differenti.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-UE dwar il-governanza f'iktar minn livell wieħed qasam l-Istati Membri f'erba' kategoriji: stati unitarji ċentralizzati, stati unitarji deċentralizzati, stati unitarji reġjonalizzati u, fl-aħħar, stati federali. L-awtoritajiet lokali għandhom status u livell ta' awtonomija differenti f'kull wieħed mill-erba' mudelli u, biex il-kobba tkompli titħabbel, hemm differenzi sinifikanti bejn il-livelli differenti ta' awtoritajiet lokali fl-istati individwali, kif ukoll differenzi bejn is-sitwazzjoni tagħhom fi Stati Membri li jidħlu fl-istess kategorija.

F'tarf minnhom, l-awtoritajiet lokali fi stati unitarji ċentralizzati bħar-Rumanija jew l-Irlanda għandhom awtorità x'aktarx ristretta, ukoll f'oqsma ta' politika fejn għandhom responsabilitajiet konsiderevoli. Fi Stati Federali bħall-Belġju u l-Ġermanja, il-kompetenzi tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali huma definiti bil-liġi, jekk mhux ukoll bi provvedimenti kostituzzjonali. L-awtoritajiet lokali għandhom status u kompetenzi differenti, kif jidher ċar minn, ngħidu aħna, *Land* Ġermaniż u muniċipalità distrettwali Ġermaniża.

Dawn id-differenzi fil-biċċa l-kbira jiġu minn raġunijiet storiċi u kulturali. Dawn is-sisien għandhom sehem daqstant importanti fl-istrateġiji adottati mill-awtoritajiet lokali daqs kemm għandu l-istatus legali jew kostituzzjonali tagħhom. Il-fruntieri formali tal-awtoritajiet lokali sikwit inqabżu minn żviluppi ekonomiċi u soċjali, bħat-tkabbir urban għal ġo kontej jew provinċji viċin, kif ukoll minn xejriet migratorji jew ta' vjaġġar li qegħdin jinbidlu. Wieħed jista' josserva realtajiet simili, għalkemm aktar ikkumplikati, f'reġjuni mal-fruntiera fejn żoni ekonomiċi u xejriet residenzjali ġodda jaqsmu l-fruntieri nazzjonali u jolqtu l-awtoritajiet lokali fi Stati Membri bi strutturi differenti ta' governanza.

Il-livelli ta' awtonomija finanzjarja wkoll ivarjaw sew bejn awtorità lokali u oħra. Xi wħud minnhom jiddependu kważi għalkollox mill-fondi nazzjonali, filwaqt li oħrajn huma relattivament liberi li jagħmlu u jiġbru t-taxxi tagħhom, u anki li joħorġu l-bonds tagħhom biex ikollhom il-kapital. Il-biċċa l-kbira jistrieħu fuq xi xorta ta' fondi nazzjonali u jista' jkun hemm differenzi sostanzjali kemm fl-Istati Membri nfushom kif ukoll bejn Stat Membru u ieħor. F'xi Stati Membri ssib sistema trasparenti li tkun stabbilita b'mod formali, u li sikwit tkun imsejsa fuq ammonti *per capita*. F'oħrajn, il-finanzjament irid jiġi negozjat politikament, kull każ għalih. Jidher li mixjin lejn xejra fejn l-awtoritajiet lokali jkunu mistiedna jagħmlu offerti pubbliċi għall-iffinanzjar tal-proġetti u tal-kapital. Dan, b'mod partikolari, jiġri fl-Italja u fir-Renju Unit.

L-awtoritajiet lokali huma responsabbli, f'livelli differenti, għall-għoti, għalkemm mhux dejjem għall-ippjanar, ta' bosta politiki u servizzi. Din ir-responsabilità tiġbor fiha l-ippjanar tal-ispazji u tal-bini, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, l-ambjent, it-trasport (il-kostruzzjoni u l-operat), is-sigurtà, l-għajnuna soċjali, is-saħħa u l-impjiegi, fost l-oħrajn. Kważi kollha kemm huma jħallu l-impatt tagħhom fuq id-differenzi lokali. L-awtoritajiet lokali għandhom sehem importanti x'jagħtu biex jiġu implimentati u biex jitħaddmu strateġiji Ewropej

importanti bħal dawk ta' Liżbona u Göteborg, il-Pjan ta' Azzjoni Ambjentali, il-Karta ta' Leipzig, kif ukoll l-Aġenda Soċjali, biex jissemmew uħud.

Iż-żieda fil-governanza f'iktar minn livell wieħed wasslet biex kompliet tikber il-ħtieġa ta' mekkaniżmi u pjattaformi ta' koordinazzjoni. Dawn jistgħu jaħdmu fuq bażi settorjali, bħat-trasport, iżda l-esperjenza Ewropea tiffaċilita wkoll it-twelid tal-istrateġija territorjali.

Id-dokument dwar l-"Aġenda Territorjali" li ħareġ mil-Laqgħa Ministerjali Informali ta' Leipzig fl-2006 saħaq fuq il-ħtieġa tal-koordinazzjoni territorjali u x-xejriet lejha. Id-dokument ressaq ir-raġunijiet għal suriet ġodda ta' governanza territorjali. Il-*Euroregions* huwa wieħed mill-mudelli stabbiliti, filwaqt li l-Grupp Ewropew għall-Kooperazzjoni Territorjali (EGTC) joffri għodda legali flessibbli għall-kooperazzjoni bejn livelli differenti ta' gvernijiet, aġenziji pubbliċi u paretċipanti interessati privati lilhinn mill-fruntieri nazzjonali. Gruppi territorjali bħal dawn jistgħu jitwieldu mal-proġetti u jistgħu "iħalltu u jaqsmu" territorji formali differenti.

L-awtoritajiet lokali sikwit isibu li jkollhom jindirizzaw differenzi soċjali kkawżati minn żviluppi jew politiki li ma jkollhom ebda kontroll fuqhom u li ftit li xejn jistgħu jagħmlu dwarhom. Iċ-ċaqliq ekonomiku globali jista' jwassal għall-qerda u l-kollass tal-industriji tradizzjonali. Belt jew reġjun li jistrieħu bil-kbir fuq industrija li tkun sejra lura, bħall-metallurġija jew il-bini tal-bastimenti, jistgħu jħabbtu wiċċhom ħesrem mal-ħtiġijiet kbar tas-soċjetà, tal-ispazji u tal-iżvilupp, hekk kif il-bażi fiskali tikkollassa. L-istudju tal-każ tal-belt Pollakka ta' Elblag huwa eżempju ta' dan.

L-istudju tal-każ ta' Marinha Grande jiddeskrivi belt Portugiża fejn aktar minn 60% tal-impjiegi qegħdin fl-industriji tradizzjonali (il-ħġieġ u l-plastik) u fejn il-kunsill tal-belt kien strumentali biex nieda Patt Territorjali tal-Impjiegi (TEP) bis-sehem tas-sħab soċjali u ta' parteċipanti interessati oħrajn fi sforz proattiv biex tiġi diversifikata l-ekonomija tal-belt.

F'xi pajjiżi kien hemm xejra qawwija biex in-nies, b'mod partikolari dawk bl-ogħla pagi, jiċċaqalqu mill-bliet għas-subborgi li joffru standards ta' akkomodazzjoni aktar għoljin (djar individwali aktar milli appartamenti f'bini għoli) u kwalità ta' ħajja aħjar. Din ix-xejra tidher ċar fl-istudji tal-każijiet ta' Budapest u Vjenna. F'pajjiżi oħrajn bħal Franza, it-tradizzjoni aktar kienet dik li l-aktar żoni residenzjali mixtieqa jinsabu fil-belt innifisha, filwaqt li fis-subborgi (*banlieue*) issib l-akkomodazzjoni soċjali.

F'dawn l-aħħar snin qiegħda tidher ukoll xejra differenti fejn in-nies jitilqu mill-bliet, mhux biex imorru fis-subborgi tal-qrib iżda fi bliet u rħula ftit imbiegħda f'żoni rurali viċin. Dawn l-iżviluppi fl-akkomodazzjoni fl-Istati Uniti huma magħrufa bħala "*exurbs*". Fl-Ewropa dawn l-iżviluppi jqanqlu dubji dwar id-definizzjonijiet tradizzjonali ta' żoni "urbani" u "rurali".

Ix-xejriet migratorji mill-bliet u l-bliet il-kbar, fejn joqogħdu 74% taċ-ċittadini Ewropej, għas-subborgi jew iż-żoni rurali tal-viċinanzi jolqtu l-prezzijiet tal-art u tad-djar, il-bażijiet fiskali lokali, u s-servizzi. Għażliet ta' stil ta' ħajja bħal dawn normalment iġibu magħhom żieda fl-użu tal-karozzi privati, b'detriment għat-trasport pubbliku, u dan joħloq dubji dwar is-sostenibilità.

Forzi tas-suq li ma jkunux ikkontrollati jkollhom it-tendenza li jimbuttaw nies bi dħul baxx lejn żoni b'akkomodazzjoni bi prezzijiet baxxi, u sikwit ta' standard baxx. Il-politiki u l-interventi lokali jistgħu jew isaħħu x-xejriet tas-suq, jew jibbilanċjawhom biex tkun iggarantita taħlita soċjali stabbli filwaqt li ma jitħalliex li jinħolqu żoni żvantaġġati fil-bliet u l-bliet il-kbar.

L-Istati Membri l-ġodda tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant wirtu stokk ta' akkomodazzjoni li jikkonsisti fil-biċċa l-kbira tiegħu minn oqsma tad-djar magħmula minn appartamenti li kienu tal-gvern taħt il-ħakma Komunista. L-istudju tal-każ tal-qasam tad-djar Havanna f'Budapest juri biċ-ċar kif il-muniċipalitajiet tal-bliet u dawk lokali qegħdin jindirizzaw il-

privatizzazzjoni tal-akkomodazzjoni filwaqt li jżommu t-tessut soċjali tal-komunitajiet tagħhom.

Il-migrazzjoni interna minn Stati Membri oħrajn, jew minn barra l-Unjoni Ewropea, iġġib magħha piżijiet ġodda fuq is-servizzi lokali, fosthom l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-impjiegi. L-istudju tal-każ tal-Pjan Strateġiku ta' Direzzjoni tal-belt ta' Leicester jagħti ħarsa lejn kif konsorzju lokali, bl-għajnuna tal-fondi tal-belt, tal-istat u tal-UE, fittex li jindirizza realtà fejn madwar 40% tar-residenti huma ta' minoranza etnika.

Il-migrazzjoni interna toffri sfidi partikolari f'soċjetajiet li huma aktar midħla tal-emigrazzjoni. L-istudju tal-każ tal-Politika ta' Diversità ta' Turku juri kif din il-belt Finlandiża qiegħda tipprova tadatta ruħha għal sitwazzjoni ġdida bħal din. Il-belt ta' Turku ħabirket bil-kbir biex tipprovdi opportunitajiet ta' xogħol u ta' taħriġ għall-4.4% tal-popolazzjoni tagħha li huma migranti, ħafna minnhom bl-istatus ta' refuġjati.

L-istruttura, it-tradizzjonijiet u r-riżorsi tal-awtoritajiet lokali bla dubju jikkundizzjonawlhom il-kapaċità li jiżviluppaw politiki li jindirizzaw u jibbilanċjaw id-differenzi. L-awtoritajiet lokali kollha, hu x'inhu l-istatus tagħhom, ikollhom għarfien lokali reali u kuntatti u jħabbtu wiċċhom kuljum mar-realtajiet lokali tagħhom. Dan jista' jippermettilhom li jiżviluppaw xejriet u strateġiji integrati f'oqsma bħall-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjiegi. Xi awtoritajiet lokali għandhom mnejn ikunu jeħtieġu jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom fit-tfigħ tal-offerti għal fondi nazzjonali u tal-UE biex ikunu jistgħu jimplimentaw dawn l-istrateġiji.

Id-differenzi soċjali fil-livell lokali huma fenomeni b'ħafna wċuħ u jirreżistu wkoll strateġiji settorjali dojoq li jiġu minn fuq kif ukoll miżuri lokali iżolati; hekk, il-bini ta' djar ġodda waħdu ma jeliminax l-iżvantaġġi soċjali f'żoni speċifiċi. L-azzjonijiet koordinati li jinvolvu s-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili lokali, l-awtorità lokali u l-fergħat differenti tal-gvern nazzjonali wrew li huma effikaċi b'mod kostanti. L-awtoritajiet lokali għandhom sehem uniku x'joffru biex iressqu dawn it-truf u l-parteċipanti interessati kollha flimkien.

It-titjib tal-ħiliet, l-għoti tat-taħriġ, it-tisħib tas-servizzi edukattivi lokali mal-għanijiet ekonomiċi tal-iżvilupp ilkoll għandhom sehem importanti f'kull strateġija lokali. Hawn ukoll, l-awtoritajiet lokali jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jiġbdu lil dawn il-parteċipanti interessati flimkien.

L-identifikazzjoni tal-preġji ta' żona lokali u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom għandhom sehem importanti biex jiġbdu l-kapital u l-kompetenzi umani. L-awtoritajiet lokali jkollhom bosta tagħrif lokali "fil-qabda" u x'aktarx li jkollhom ukoll stampa relattivament ċara tan-nuqqasijiet lokali. Għandu jkun hemm aċċess għal fondi nazzjonali u/jew tal-UE sabiex l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jidħlu għall-investiment li hu meħtieġ għal analiżi u sforzi bħal dawn.

L-għarfien u l-esperjenzi lokali għandhom jiġu identifikati, tinżamm nota tagħhom u jinqasmu ma' oħrajn. Dan għandu jwassal biex l-awtoritajiet lokali jiġbru l-esperjenzi tal-aħjar prattika, kif jidher fl-istudju tal-każ ta' Elblag fejn l-awtoritajiet lokali Żvediżi u tar-Renju Unit setgħu jiggwidaw lill-awtoritajiet tal-belt.

Għandu jkun hemm ukoll mekkaniżmu ċar li jiffunzjona li bih l-esperjenzi lokali jistgħu jgħaddu b'mod effikaċi fis-sistemi tat-tfassil tal-politiki nazzjonali u Ewropej. Jeħtieġ ukoll li l-evalwazzjoni tal-politiki terġa' tgħaddi lura fil-proċess tal-ħolqien tal-għarfien lokali. Iċ-ċiklu eżemplari mill-iżvilupp tal-politiki sal-implimentazzjoni u t-tagħlim għandu jidħol fil-politiki territorjali kollha tal-UE li jeħtieġu s-sehem tal-parteċipanti interessati lokali rilevanti.

Dan l-studju ma jistax jagħti ħarsa dettaljata lejn l-azzjonijiet u l-problemi tal-awtoritajiet lokali kollha fl-UE kollha kemm hi. Li juri hu kif l-awtoritajiet differenti identifikaw il-

problemi lokali, reali jew potenzjali, u l-istrateġiji li użaw jew li qegħdin jiżviluppaw biex jegħlbu d-differenzi lokali.

Il-governanza inklużiva f'aktar minn livell wieħed hija mhux biss neċessità iżda kull ma tmur qiegħda ssir realtà wkoll. Jeħtieġ li tiġi studjata, tinżamm nota tagħha, u tiġi ffaċilitata bħala parti ewlenija mill-proċess tal-kisba tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli.

## Rakkomandazzjonijiet ewlenin

**(1)** Is-soluzzjonijiet ta' governanza f'aktar minn livell wieħed jistgħu jgħinu biex ipattu għan-nuqqas ta' kompetenzi tal-awtoritajiet lokali f'oqsma differenti u għalhekk għandhom ikomplu jitmexxew 'il quddiem fil-livell tal-UE. Il-mudelli u l-istrumenti applikabbli għall-governanza f'aktar minn livell wieħed jeħtieġ li jkunu żviluppati għal-livell lokali.

**(2)** L-istrateġiji territorjali għandhom jitrawmu wkoll 'il barra mill-ERDF sabiex jinħolqu "punti ta' aċċess" oħrajn għall-awtoritajiet lokali.

**(3)** L-akkomodazzjoni u l-impjiegi huma żewġ oqsma ta' politika li fihom l-awtoritajiet lokali żgħar jidhru li jbatu l-aktar minħabba n-nuqqas ta' kompetenzi adegwati biex jingħelbu d-differenzi. F'dawn l-oqsma jeħtieġ li jkompli jiġi żviluppat is-sehem tal-UE (bil-promozzjoni ta' proġetti, tar-riċerka u tal-azzjonijiet).

**(4)** Skemi ta' finanzjament li jħallu wisa' għal soluzzjonijiet "innovattivi" u "esplorattivi" għall-problemi lokali li qegħdin jinbidlu bil-ħeffa huma importanti għal awtoritajiet lokali żgħar u ta' daqs medju u għandhom ikomplu jiġu żviluppati.

**(5)** Il-promozzjoni u l-għajnuna fl-iskambji tal-għarfien, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet lokali, iridu jiġu integrati fil-programmi rilevanti tal-UE (bħal, jingħataw aktar konsiderazzjoni fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali).

**(6)** Jeħtieġ li l-evalwazzjoni tal-politiki lokali terġa' tgħaddi lura fil-proċess tal-ħolqien tal-għarfien lokali. Iċ-ċiklu eżemplari mill-iżvilupp tal-politiki sal-implimentazzjoni u t-tagħlim għandu jidħol fil-politiki territorjali kollha tal-UE li jeħtieġu s-sehem tal-parteċipanti lokali.

**(7)** L-għarfien dwar kwistjonijiet lokali jeħtieġ li jinbena wkoll fl-amministrazzjonijiet lokali li ħafna drabi jitgħabbew iżżejjed bi kwistjonijiet ta' "implimentazzjoni amministrattiva" u bl-assorbiment tar-riżorsi fil-ħin.

**(8)** L-attivitajiet promossi minn gruppi ta' parteċipanti lokali (eż. il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali) joħolqu viżibilità qawwija kif ukoll isaħħu s-sjieda tar-riżultati. Għandhom ikomplu jinfirxu x-xejriet li jrawmu l-identifikazzjoni b'responsabilità propja tal-ħtiġijiet lokali, it-tħejjija ta' strateġiji lokali u l-implimentazzjoni (eż. permezz tal-għotjiet globali).

**(9)** Sabiex jitjiebu l-opportunitajiet għall-awtoritajiet lokali fil-programmi kompetittivi ta' finanzjament, għandhom jitfasslu programmi li jibnu l-kapaċitajiet rispettivi (fil-livell tal-UE wkoll).

**(10)** Rigward il-piż amministrattiv marbut mal-ġestjoni tal-proġetti tal-UE, għandhom jiġu riveduti l-kunsiderazzjonijiet dwar il-proporzjonalità tal-ħtiġijiet, b'mod partikolari fejn jidħlu awtoritajiet lokali żgħar u ta' daqs medju.

**(11)** L-awtoritajiet lokali għandhom jidħlu aktar fit-tfassil tal-politiki (fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE) sabiex jiġi ggarantit li l-azzjonijiet jinfirxu sew fil-livell lokali u li l-istrateġiji tal-UE "jiġu tradotti" għall-parteċipanti interessati lokali.

**(12)** Jeħtieġ li l-iżvilupp, it-twettiq u r-rappurtaġġ tal-Istrateġiji ewlenin tal-UE (Liżbona, Göteborg, eċċ.) iqis u joħroġ fid-dieher il-kontribut lokali biex jissaħħaħ l-impenn tal-parteċipanti lokali.